**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor.Imħallef Dr Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Numru 305/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Anthony Cassar)**

**(Spettur Jeffrey Cilia)**

**Kontra**

**Ronnie Azzopardi**

Illum, 29 ta' Settembru, 2022

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Ronnie Azzopardi detentur tal-karta tal-Identita' numru 82072(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja talli:

1. Fuq Verdala Bormla, nhar id-29 t'Ottubru, 2003, għall-ħabta ta' xi sebgħa neqsin kwart ta' filghaxija, dolożament bil-ħsieb li joqtol jew li jpoggi l-ħajja ta' Kevin Attard mill-Gzira u Josef Tabone

mill-Hamrun, f'periklu ċar, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi spara tiri t'arma tan-nar u cioe' senter tal-għamla u reġistrazzjoni mhux magħrufa, fid-direzzjoni tal-imsemmija persuni, liema delitt ma kienx esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu (**liema imputazzjoni inbidlet f'dik tat-tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna fit-termini tal-artikoli 41(1)(a) u 218 tal-Kodici Kriminali bis-sahha ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-16 ta' Jannar, 2009**)

2. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, fil-ħin li huwa kien qed jagħmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tiegħu arma regolari;

3. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu u ġarr arma tan-nar u munizzjoni, mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;

4. U aktar talli waqt li ġie fil-pussess tal-imsemmija arma tan-nar u munizzjoni, ma tax avviż immedjat lill-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq il-vetturi tal-għamla Skoda bin-numru tar- registrazzjoni BBB-916 għad-dannu ta' Mary Rose Cassar mill-Gżira u kif ukoll fuq Skoda Favorit bin-numru ta' tar-reġistrazzjoni EAQ-687 għad-dannu ta' Christos Karakatskos minn Bormla, liema ħsara tammonta għall-iżjed minn ħames mitt lira;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, u kif ukoll fil-jiem ta' qabel din id-data f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, żamm u ġarr strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

7. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew mħassra;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-16 ta' Jannar, 2009 li bih baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghal dak li hemm mahsub fl-artikoli:

(a) 41(1)(a), 218, 49, 50, 289, 325, 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) 2,3,19,26,9,13 tal-Kapitolu 480 (qabel 66) tal-ligijiet ta' Malta;

Rat illi fl-udjenza tad-29 t'April, 2009, l-imputat iddikjara li ma kellu ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu ikun trattat u deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat is-sentenza tat-30 ta' Mejju 2016 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundannatu għal sitt snin priġunerija kif ukoll ikkundannatu jħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura li jammontaw għal €1547 rapprezzentanti Lm664.32.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ronnie Azzopardi intavolat fid-9 ta' Ġunju 2016 fir-reġistru ta' din il-Qorti li bih talab li din il-Qorti **tbiddel** is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi **tirrevokaha** in kwantu sabet lill-appellanti ħati tal-akkużi miġjuba kontrih u

dana billi tilliberah minn kull akkuża u piena. Subordinatament fil-każ ta' sejbien ta' ħtija għandha tingħata piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant kif ordnata mill-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz, brevement rakkontati, huma li fil-jum indikat *supra,* certu Kevin Attard, li dak iz-zmien kellu relazzjoni ma' l-*ex* siehba ta' hu l-imputat, wara li lesta minn sessjoni gewwa l-gym li soltu jattendi, mar fil-vettura tieghu u dak il-hin tfaccat persuna minn bejn is-sigar u sparat zewg tiri ta' senter fid-direzzjoni tieghu. Dan spara ukoll it-tielet tir izda jidher li din il-persuna imbaghad bdiet tissara mas-senter u Attard lahaq saq minn fuq il-post flimkien mal-passiggier tieghu. Attard mar dritt l-ghassa tal-Pulizija fejn infurmahom li dak li sparalu kien l-imputat ghaliex gharfu minn wiccu. Quddiem l-ewwel Qorti, l-imputat allega li din kienet kollha *messa in scena* mahluqa minn Kevin Attard sabiex jinkriminah halli jwarrbu minn nofs minhabba kwistjonijiet ta' wirt ta' hu l-imputat u ressaq provi biex jaghti kont tal-hin tal-gurnata tieghu sabiex juri li qatt ma seta' kien fuq il-post tal-incident kif allegat minn Attard u sabiex jinnewtralizza provi ohra tal-prosekuzzjoni. Minkejja l-linja difensjonali tieghu, l-ewwel Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, inkluz l-garr ta' arma ta' nar u ohra li taqta' u bil-ponta, b'din tal-ahhar misjuba fil-vettura minnu uzata;

2. Illi l-appellant jillanja din is-sentenza bi gravam li fih jallega apprezzament zbaljat tal-provi da parti tal-ewwel Qorti u iehor dwar il-piena erogata. Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant iressaq diversi ragunijiet ossia punti ghaliex, skond hu, l-Ewwel Qorti ma kellhiex issib htija fil-konfront tieghu u ghall-ahjar esposizzjoni tal-fatt, dawn qed ikunu riprodotti:

a. L-Ewwel Onor. Qorti skartat ix-xhieda ta' Rita Azzopardi meta din iddikjarat li fil-hinijet indikati minn Kevin Attard, l-appellanti kien maghha. L- iskartar ta' tali xhieda hija importanti ghaliex hija skartar importantissima. Huwa minnu li mhux dejjem facli ghal Qorti li taghmel deduzzjoni dwar min qed jghid il-verita' jew il- vedrita' kollha izda f'dan il-kaz dana huwa bbazat fuq kwarta.
b. Fit-tieni lok huwa importanti li jigi sottolineat li Kevin Attard iccara li min sparalu kien liebes boiler suit. Dan huwa fattur importanti ghaliex il- gun residue li nstab fuq il -hwejjeg tal-appellanti kien fuq track suit u mhux boiler suit. Ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet li wara kollox dawn jixtiebhu, in verita' dan mhux minnu. Boiler suit mhux track suit u hemm differenza kbira bejn il-wahda u l-ohra.
c. Dan huwa fattur importanti billi, jekk analizzat a contrario senso, jaghti ragun car lill-appellanti fuq dak li stqarr – ossia li Kevin Attard kien imfixkel meta gharaf lill-appellanti bhala l-persuna li sparat fuqu. Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li si tratta ta' sitwazzjoni fejn Kevin Attard u l-appellanti gja kellhom antecedent dwar xi wirt. Dan il- fatt gie ezaminat mill-Ewwel Onor. Qorti fis-sens li seta' wassal lill-appellanti li jaghzel li jispara – similment pero' seta' wassal ghall-konkluzjoni li Attard ikkonkluda b'mod zbaljat li kien l-appellanti li spara.

d. Dan qed jinghad ghaliex, jekk nemmnu u naccettaw dak li jghid Kevin Attard allura jkollna naccettaw kollox – inkluz li si tratta ta' boiler suit u mhux track suit. Qorti ma tistax taghzel fatt ( li gharaf l-imputat) u tiskarta ohra billi tghid li track suit u boiler suit jixtiebhu. Dan kollu jwassal lill-Qorti sabiex temmen lil Attard, li certament ma kellux ghaliex jivvinta storja bhal din fuq l-imputat.

e. L-appellanti anzi jghid proprju l-oppost – Attard ghamel konkluzjoni zbaljata bbazata fuq id-dizgwid li kellu mal-appellanti. Mhux il-kaz ta' storja vvintata izda ta', kif inghad, mistaken identity. Attard dahhal f'mohhu li kien l-appellanti minhabba d-dizgwid li kien hemm bejniethom.

f. Importanti wkoll ix-xhieda ta' Frans Farrugia. Il-Qorti kkonkludiet li galadarba Frans Farrugia jixhed li hu kien ircieva t-telefonata f'xi hin wara s-sebgha ta' filghaxija, u li sussegwentement kien mar Paceville hu stess, il-hin meta l-imputat iltaqa' ma' Fitz jidher li sehh xi hin wara li kienu saru s-sebgha jew is-sebgha u kwart. F'dan ir-ragunament hemm zball – il-hin materjali sabiex l-appellanti jasal sa Paceville u jiltaqa' ma' Fitz ma giex ikkalkulat mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Imdahhal dan fil- kalkolu naslu ghal hin ferm qabel is-sebgha u kwart.

g. Ghalhekk ghandna assjem ta' provi li jpoggu lill-appellanti lil hinn mill-post tal-akkadut fil- hin materjali – tenut kont ukoll tibdila ta' hwejjeg etc.

h. Dwar il-gun residue in kwistjoni l- ispjegazzjoni tal-appellanti kienet illi hu gieli jmur ghall-kacca mal-hbieb. Dan qatt ma gie kontradett.

i. Ma jistax ikun li bniedem jispara ghalik b'senter u ma jolqtokx. B'senter qed nghidu. Dawn huma kliem li l-Ewwel Onorabbli

Qorti tat importanza fl-ahhar tad-decide. L-appellanti ma jifhimx bir-rispett l-importanza ta' tali dikjarazzjoni. Hija dikjarazzjoni fattwali u xejn aktar. Ma fiha ebda element ta' ammissjoni kif donnu l-Ewwel Onorabbli Qorti xtaqet tinsinwa.

3. Minn ezami tas-sentenza appellata, jemergi illi l-ewwel Qorti ghazlet li ma temminx l-verzjoni tal-imputat u tax-xhud tieghu u ghalhekk sabet bhala aktar konvincenti il-verzjoni ta' Kevin Attard kif korroborata mill-provi ndizjarji li jsawru dan il-kaz. Issa, ghalkemm fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ghamlet sintesi dettaljata tal-provi mressqa u ghalhekk ma hemmx htiega li dawn jergghu jkunu riprodotti, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti processwali bil-ghan li tkun f'qaghda tiddeciedi jekk kienx ragjonevoli u legali ghall-ewwel Qorti qabilha li tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Is-segwenti ghalhekk huma l-punti saljenti tal-aktar provi relevanti mressqa;

4. Illi l-Ispettur Jeffrey Cilia, li nvestiga l-kaz, jghid illi meta niżel l-ghassa ta' Bormla, sab l-iSkoda ta' Kevin Attard BBB 916 li fuq il-parti ta' quddiem kellha tiri ta' senter u l-fanal tan-naħa tal-lemin kien imkisser waqt li kien hemm il-pellets mal-parti ta' quddiem tal-karozza. Skond l-informazzjoni li kiseb, Kevin Attard kien mar il-gym minn fejn kien ħareġ għal xi s-sebgħa neqsin kwart. Kif startja l-karozza kien ħareġ Ronnie Azzopardi minn wara s-siġar u sparalu tliet tiri ta' senter filwaqt li d-dawl tal-karozza kien mixgħul. Wiċċ l-appellant kien mikxuf u kien liebes qisha boiler suit sewda jew skura. (fol 9). Dak iż-żmien Attard kien qed joħroġ mal-partner li kellu ħu l-imputat (li kien miet) certu Jason Azzopardi. Kemm ilu mejjet Jason Azzopardi kien inqala' nkwiet fuq il-wirt. Xi jumejn qabel l-inċident kienet inqatgħet il-

kawża ċivili dwar Mercedes u din kienet intrebħet mill-werrieta – minn nisa għan-nom tat-tfal tagħhom. L-imputat kien qal li din il-Mercedes kienet tiegħu minħabba xi ftehim ma' ħuh. Josef Tabone wkoll ikkonfermalhom li kienu ħarġu mill-gym għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart izda dan ma kienx ra lil dak li kien;

5. Kienet intlaqtet ukoll Skoda Favorita ta' ċertu Karakazkos Kristos li sab il-karozza milquta minn tiri taċ-ċomb. Sadanittant, waqt li kienet qed tkun kondotta inkjesta dwar il-kaz fejn ghaliha kien prezenti Attard, ċertu Clayton Azzopardi, it-tifel ta' ħu l-imputat, jiġifieri ta' Jason Azzopardi, tfacca fuq il-post u Attard instema' jghidlu d-diskors ''Insibkom kollha' u li Azzopardi kien qed jistennieh ħiereġ mill-gym. Fil-but ta' Azzopardi instabet pistola u ghalhekk kien arrestat;

6. Kevin Attard xehed illi dakinhar fis-7 neqsin kwart ta' filgħaxija kien lest mill-gym u malli rikeb fil-karozza tieghu ra bniedem ħiereġ minn bejn is-siġar li spara l-ewwel tir waqt li x-xhud xegħel id-dawl fuq il-*bright* u wara kienu sparati żewġ tiri oħra. Attard gharaf lill-Azzopardi li kien jaf minn qabel. Hu qatt ma kien għamillu xejn imma kien qed jgħin lil Mary Rose Cassar għax wirtet minn għand Jason Azzopardi. Mary Rose Cassar kienet rebħet kawza dwar din il-Mercedes jumejn qabel il-każ. Din kellha tinbiegħ u d-dħul jinqasam bejn il-werrieta kollha. Jghid li l-imputat kien liebes boiler suit blue jew sewda u meta spara kien refa' s-senter ma' żaqqu u mhux ma' għajnejh. Huwa ċaħad li ried ineħħi lill-imputat minn nofs jew li qabbad lil ħaddieħor biex jagħmel dan.

8. Josef Tabone, li dakinhar kien il-passiggier ta' Attard, xehed li hu ma kienx ra l-persuna li sparat għax hu kien tbaxxa u ma ra lil ħadd. PC 953 Lawrence Cassar li wara l-incident kienet ordnat joqghod quddiem ir-residenza tal-imputat li kien xehed li ra lill-imputat ħiereġ mill-karozza Hyundai Excel ta' kulur ċelesti u dak il-hin kellu xi haga f'idu tal-qies ta' cirka pied u nofs b'zewg piedi u nofs;

9. Il-Brigadier Maurice Calleja, li kien maħtur mill-Qorti bhala espert ballistiku matul l-inkjesta flimkien ma' PS 560 Joseph Farrugia ppreżentaw ir-rapport tagħhom (Dok BC) fejn ikkonfermaw l-esibiti – skartoċċ, takka tal-plastic, frak taż-żebgħa u xi ċombiet, pistola bil-magazine u erba' balal ikkargati. It-tiri in kwistjoni laqtu l-fanal ta' quddiem, il-grill, il-grill kif ukoll in-number plate u kienu sparati biss żewġ tiri.

10. Xhud espert iehor, l-Iżpiżjar Mario Mifsud, maħtur fl-*in genere* sabiex jagħmel analiżi ghall-gun shot residue (fol 241 et seq) xehed illi mill-ezamijiet li ghamel fuq hwejjeg u oggetti ohra mehuda mill-imputat kif ukoll fuq il-persuna tieghu rriżulta li nstabu disa' partiċelli ta' gun shot residue fuq swab meħuda minn fuq wiċċ l-imputat; ħdax-il partiċella ta' gun shot residue meħuda minn fuq xagħar l-imputat; sitt partiċelli meħuda minn fuq id il-leminija tal-imputat; sitt partiċelli ta' gun shot residues meħuda minn fuq id ix-xellugija tal-imputat; ma nstabux partiċelli fuq swabs meħuda mill-imnieħer u l-widnejn tal-imputat; li nstabu erba' partiċelli minn stub meħuda mill-pulzier tal-lemin tal-flokk li kien hemm fid-dokument 763/06/02; li ma nstabux partiċelli fuq swabs li ttieħdu mill-pulzier tax-xellug tal-flokk, il-parti ta' fuq tal-flokk, il-parti t'isfel u ta' wara tal-flokk; instabu erba' partiċelli

fuq quddiem ta' qalziet li kien hemm fid-dokument 763/06/02; instabu erba' partiċelli ta' gun shot residue minn stub li ġiet meħuda mill-but tax-xellug tal-qalziet li kien hemm fid-dokument 763/06/03; instabu żewġ partiċelli minn stub li ttieħdet mill-but tal-lemin tal-qalziet li kien hmm fid-dokument 763/06/03; instabu żewġ partiċelli ta' gun shot residues fuq wara tal-qalziet li kien hemm fid-dokument 763/06/03; li nstabu ħames partiċelli indikattivi meħuda mill-pum tal-vettura (763/06/04); li ma nstabux partiċelli ta' gun shot residue fuq l-isteering tal-vettura (763/06/04); instabu żewġ partiċelli ta' gun shot residue fuq swab meħuda minn fuq il-gear lever tal-karozza (763/06/04);

11. Mary Rose Cassar (fol 353) li kkonfermat li l-vettura BBB 196 hija tagħha u qalet li kien hemm xi tiri fuqha bil-ħsara tammonta ghal madwar Lm200;

12. L-imputat xehed li ħuh Jason Azzopardi kien halla bhala werrieta lil Mary Rose Cassar, Giorgina Farrugia u disat itfal u li huh kellu żewġ trakkijiet u 15-il karozza ohra. Kien hu li laqqa' lil Mary Rose Cassar ma' Kevin Attard. Ħuh Jason Azzopardi kellu Mercedes iżda din kienet fuq il-Garage Hire minħabba li kienet bil-Y plate u l-inkwiet inqala' proprju minħabba l-Mercedes. Meta arrestawh il-Pulizija huwa kien joqgħod waħdu imma kien jiltaqa' ma' Rita Azzopardi. Dak in-nhar kien għamel mit-8.00 am sa xi l-5.00 pm għand ommu biex jibdlilha kamra tal-banju. Wara l-5pm mar jinhasel u rega hareg flimkien ma' Rita Azzopardi sabiex imorru jfittxu kmamar tal-banju u fil-fatt marru għand Alex Mercieca Bathrooms f'xi 6.30pm. Imbagħad kien Paceville biex ikellem lil certu John Fitz li minn għandu kien xtara karozza izda fi trieqtu ftakar li kellu l-guh u ghalhekk ghadda

jixtri *take away mill-Gzira* flimkien ma' Rita Azzopardi u qaghdu jieklu fil-karozza. Fitz qallu li kien irċieva telefonata li hu (l-imputat) kien spara fuq Attard. L-imputat ħaseb li Fitz kien qed jiċċajta imma meta ra li kien qed jgħidlu bis-serjeta' saq lura. Miegħu kien hemm Rita Azzopardi li marret id-dar tagħha bil-karozza tagħha. Malli wasal id-dar il-Pulizija arrestawh. Dwar it-traċċi tal-GSR huwa qal li kienu jitilgħu erbat iħbieb kaċċaturi u kien imur magħhom ghaliex kienu jarawh wahdu. Nnega li kien spara lil Attard u qal li dan ried iwarrbu biex jieħu kollox;

13. Il-kawza dwar il-Mercedes kienet inqatgħet jumejn qabel l-allegat inċident u ma jiftakarx li dahal lura d-dar fl-ghaxra ta' bil-lejl meta kellu jirrinkaza fit-tmienja ta' tal-lejl. Ma kellux liċenzja tas-senter u ma ftakarx liema kienet l-aħħar ġurnata li kien mar mal-kaċċaturi. L-imputat ddikjara li jaħsel xagħru kull jum imma u kkonferma li par ingwanti li instabu qed jinxfu fil-kamra tal-hasil kienu tieghu. Kwantu is-sikkina li nstabet fil-karozza din kienet ilha hemm għax il-karozza kienet ilha ma tinstaq u qatt ma kellu skieken ġol-karozza u għalhekk seta' xi ħadd tefagħha hemm u qatt ma kellu għalfejn jagħmel xi ħaġa lil Attard;

14. Rita Azzopardi qalet li kienet ilha taf lill-imputat minn meta kellha tlettax-il sena u li kien l-ewwel għarus tagħha iżda kienet iżżewġet lil ħuh. Dak in-nhar l-imputat kien mar jaħdem għand ommu u wara ġie lura d-dar f'xi l-ħamsa. Kienu marru għand omm Ronnie Azzopardi bil-karozza tagħha u wara ghand Mercieca Bathrooms iż-Żejtun fejn waslu għall-ħabta tas-6.45 pm u minn hemm l-iStep On li qiegħed quddiem ix-xatt tal-Gżira fejn waslu għas-7.20pm. Wara dan marru Paceville fejn persuna qalet

lill-imputat li kien ċempillu xi ħadd li qallu li hu (l-imputat) kien spara għal xi ħadd. L-imputat kien qallu li lanqas jaf b'xejn. Huma kienu telqu lejn id-dar fejn kien resaq il-Pulizija fuq l-imputat. Ix-xhud qalet li waslu għal xi d-disgħa neqsin kwart u l-imputat dejjem kien fil-kumpanija tagħha. Mistoqsija ghaliex mhux il-hwejjeg kollha kienu mahsulin wiegeb illi dakinhar kien inqata l-ilma u l-ingwanti kienu tal-imputat;

15. Frans Farrugia xehed li Azzopardi kien xtara karozza Mercedes minn għandu [effettivament minghand Freephone Taxi li maghha kien impjegat]. Lil Kevin Attard kien jafu imma mbagħad persuna taghtu parir biex jinqata' minn miegħu. Dakinhar bejn is-sebgha u s-sebgha u kwart ta' filghaxija Kevin Attard cempillu u qallu li kienu sparaw fuqu. Huwa kien jaf li Ronnie Azzopardi ghaliex kien xtara din il-Mercedes mingħandhom u għalhekk hu stess kien ċempel lil Fitz biex jistaqsieh kienx ghamel t-trasferiment tal-vettura. Meta Farrugia mar ħdejn Fittz dan stghageb kif Ronnie Azzopardi seta' spara hu ghaliex Azzopardi kien magenbu dak il-hin. L-għada ltaqa' ma' Attard u dan qallu li kien żgur li kien Ronnie Azzopardi li spara;

16. Sean Fitz xehed illi kien jaf lill-imputat għax kien għamel negozju miegħu dwar il-Mercedes. Ix-xift tieghu jibda fis-sitta ta' filghaxija u b'hekk kien cert li l-imputat ltaqghu mieghu wara dak il-hin u dan biex jiddiskuti t-trasferiment tal-vettura u jghid li l-imputat kien fi stat kalm. Jikkonferma ukoll li sa fejn jiftakar, Frans Farrugia kien mar għandu wara li kien mar Azzopardi;

17. Xehdet ukoll Priscilla Mercieca Gauci li taħdem fil-ħanut ta' missierha 'Alex Mercieca Bathroom Centre' Żejtun li spjegat

illi dakinar, madwar is-sebgħa jew is-sebgħa u kwart ta' filgħaxija, ħin li jingħalaq il-ħanut kienet qed tlesti biex tghalaq il-hanut meta rat lil xi ħadd bilqegħda fuq l-ghatba tal-hanut barra u talabha biex taqdih. Staqsieha fuq xi skema ta' housing dwar kmamar tal-banju. Kkonfermat li taf lil missier dak ir-raġel li kien fuq l-għatba jgħidulu tas-Sufu ghaliex missieru kien klijent tal-hanut. Din ix-xhud tghid li l-imputat kien wahdu u dahal gewwa l-hanut wahdu ukoll meta qaltlu li ma setghetx tghaqdieh u hareg 'l barra.

Ikkonsidrat:

18. Bħalma ntqal aktar 'il fuq dan l-appell huwa primarjament dwar apprezzament ta' fatti. Kif jidher mis-sommarji tal-evidenza prodotti l-Qorti eżaminat kulma kien traskritt waqt is-smigħ tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u eżaminat d-dokumenti kollha;

1. Issa, l-unici provi diretti li kellha quddiemha l-ewwel Qorti kienu z-zewg deposizzjonijiet, dik ta' Kevin Attard b'dettalji sinifikanti fiha u dik ta' Josef Tabone li kull ma seta' jixhed kien li saret sparatura fid-direzzjoni taghhom. L-bqija tal-provi huma indizzjarji u fosthom insibu l-hsara fiz-zewg vetturi kawzata minn sparaturi ta' senter minn distanza ravvicinata; zewg iskratac sparati ta' senter; tracci ta' *gun shot residue* f'xaghar l-imputat u fuq hwejjgu, (track suit skura) minkejja li jghid li jahsel xagharu kulljum u anke hwejgu; il-presenza tal-imputat barra x-*showroom* ta' Mercieca bejn is-sebgha u s-sebgha u kwart ta' filghaxija **<u>wahdu</u>**. Tajjeb li jkun osservat is-segwenti kif wisq drabi osservat minn din il-Qorti illi kwantu n-natura tal-prova indizjarja l-Qrati

taghna jabbraccjaw dik il-gurisprudenza li tqis li "**circumstantial evidence is often the best evidence**" (R vs Taylor 21 CRM App R21 citat f'Pulizija vs Carmelo Busuttil App Krim 6.5.1961 u mhaddan fis-sentenza Pulizia vs Carmelo Ellul Sullivan App Krim 30.10.2001). "**Il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' dawn iridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci**" (Il-Pulizija vs Emanuel Seisun App Krim 9.1.1998). Ugwalment ta' importanza hu s-segwenti monitu u kawtela li "**ghalkemm il-provi indizzjarji jiggeneraw certu suspett qawwi fil-konfront tal-appellant, is-suspett mhux prova**" (Pulizija vs Mark Dimech App Krim 30.4.09). Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** tat-8 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti ghamlet rassenja gurisprudenzjonali estensiva ta' dan l-aspett tal-prova fis-sistema penali taghna. Il-Qorti ccitat a propositu l-insenjament ta' Pollock C.B li tista' tghid jigbor fih l-ingredjenti essenzjali ghal-evalwazzjoni tal-prova indizzjarja b'tixbieha verament idonea meta jghid:

*It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty*

*as human affairs can require or admit of".* U hawn fejn tabilhaqq jista jkun li l-ewwel Qorti kienet konvinta mod iehor meta qieset il-prova indizzjarja bhala holqa minn katina, ghaliex tinkiser il-holqa jfisser li jaqghu il-provi kollha, meta kien ikun aktar idoneu li jkun kontemplat l-ezempju tal-habel maljat kif deskritt *supra.*

2. Fis-sentenza appena citata, il-Qorti gabret dan kollu f'paragrafu wiehed b'mod eccezzjonali bis-segwenti bran:

*Kwindi jidher car mill-kazistika imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wiehed jasal li jikkonkludi li l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara* ***l-assjem*** *ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija* <u>*b'mod ragonevoli*</u> *kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita' tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragjonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.*

19. Illi l-provi ndizjarji offerti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz kellhom minn dak il-konvinciment tali li sahansitra ghelbu d-dubji li ttenta jressaq l-imputat. Ghalkemm Kevin Attard xehed li meta gharaf lill-imputat rah liebes *boiler suit* blu jew sewda, il-Pulizija ma sabux boiler suit fil-pussess tieghu izda sabuh liebes *track suit* sewda li fuqha instabu tracci ta' *gunshot residue* f'persentagg hafna aktar minn l-area ta' ras l-imputat u dan

isahhah dak li allega Kevin Attard fejn jghid li meta l-imputat refa' s-senter ma mmirahx minn ghajnejh izda qieghdu ma' zaqqu u spara f'dik il-qaghda. Id-differenza bejn *boiler suit* u *track suit* fil-partikolaritajiet ta' dan il-kaz ma hi ta' ebda konsegwenza ghaliex f'dak il-mument huwa komprensibbli li persuna taghti deskrizzjoni ta' haga meta kienet haga ohra. Kevin Attard kien konvint li min sparalu kien l-imputat ghaliex gharfu meta xeghel id-dawl tal-vettura fuq il-qawwi;

20. Ma hemm ebda ekwivoku li sehhew dawn l-isparaturi fid-direzzjoni diretta ta' Kevin Attard. Il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni u ezaminati, ghalissa, bl-eskluzzjoni tal-linja difensjoni u tax-xiehda mressqa mill-imputat, kollox kien jipponta fid-direzzjoni tal-imputat u ghalhekk issa jehtieg li jkunu ezaminati dawk il-punti li setghu iwasslu ghal-dak id-dubju dettat mir-raguni dwar il-partecipazzjoni tal-imputat f'dan ir-reat. Jibda biex jinghad illi l-imputat allega li Kevin Attard ivvinta kollox sabiex jehles minnu u l-ewwel f'fost dawn il-manuvri jghid li b'kumbinazzjoni dakinhar offra li jwassal lill-Josef Tabone u insista mieghu ghall-tlett darbiet meta qabel qatt ma kien rikbu fil-vettura tieghu. Tajjeb li jkun osservat illi malli saret l-ewwel sparatura, Kevin Attard stess baxxa ras Josef Tabone ghal taht is-s-seat u frankament ma kellu bzonn ta' ebda xhud konvenjenti dwar l-isparatura ghaliex din kienet evidenti mill-hsarat fil-vettura. A propositu tal-vettura, l-imputat jghid illi b'kumbinazzjoni dakinhar Attard kellu vettura ta' mitt lira meta soltu dejjem jigri b'xi Mercedes jew BMW. Naturalment b'hekk l-imputat ried iwassal il-messag li tant kienet *messa in scena* din fejn qabbad lil xi hadd jispara fuq il-vettura tieghu li uza vettura li ma tiswiex flus;

21. Illi dwar din l-ahhar allegazzjoni, tajjeb li jinghad illi l-vettura in kwistjoni kienet tappartjeni lis-siehba ta' Kevin Azzopardi u mhux li xtraha ghall-okkazzjoni. L-imputat jghid ukoll illi ma hemm xejn barra minn hawn li fuqu instabu tracci ta' porvli u dan ghaliex hbieb tieghu kaccatturi ta' spiss jghaddu ghalih ghaliex jarawh wahdu u jehduh maghhom ghall-kacca. Minkejja dan huwa ma setghax iwiegeb dwar meta l-ahhar li kien mar ma' shabu u ma wiegeb xejn dwar min huma dawn in-nies wisq anqas ressaqhom biex jikkonfermaw dak minnu allegat u dan waqt li kien qed jixhed volontarjament quddiem l-ewwel Qorti;

22. Illi l-kwistjoni tal-hin tal-incident hija wahda ta' mportanza massima fejn Kevin Attard jghid li sehh fis-sebgha nieqes kwart ta' filghaxija. L-imputat ressaq dak li ghalih huma provi konvincenti biex juri li dan ma setghax ikun ghaliex f'dak il-hin kien qieghed jixtri kamra tal-banju iz-Zejtun flimkien ma' Rita Azzopardi u li da parti taghha xehedet li l-imputat kien fil-presenza taghha il-hin kollu. Dak it-tentattiv, izda, jfalli t-test tar-ragjonevoli ghaliex mid-deposizzjoni tar-rapprezentanta tal-hanut in kwisjtoni l-imputat kien bilqieghda wahdu fuq l-ghatba tal-bieb meta marret biex tibda tghalaq il-hanut bejn is-sebgha u s-sebgha u kwart ta' filghaxija. Huwa dahal ukoll wahdu u ma setghetx taqdieh. Ghalhekk il-verzjoni tal-imputat li wasal hemm fis-sitta u nofs flimkien ma' Rita Azzopardi li heggitu hi stess li kien sar il-hin u dahlet mieghu fil-hanut kif ukoll li meta dahal sab ragel jew guvni u talbu sabiex ikellem lill-manager u hemm tfaccat ir-rapprezentanta hija wahda mhux biss inveritiera, izda li taghti aktar kredibilita' lill-verzjoni ta' Attard li l-isparatura sehhet fis-sebgha nieqes kwart u ma hemm xejn li jeskludi lill-

imputat mix-xena tad-delitt stante li kellu hin bizzejjed sabiex jmur iz-Zejtun wara l-allegata sparatura;

23. Illi l-imputat kellu fuq rasu kondizzjoni li jirrinkaza sat-tmienja ta' filghaxija u jghid li wara li mar biex jixtri l-kamra tal-banju ried imur Paceville sabiex ikellem lil Fitz. Minkejja dan, u bil-hin jigri warajh, ftakar li kien ghadu ma kielx u ghalhekk mar jixtri x'jiekol mill-Gzira u qaghad jiekol fil-karozza flimkien ma' Rita Azzopardi. Wara li kielu marru Paceville flimkien fejn allura gia kienu avvicinaw sew it-tmienja ta' filghaxija meta kien wasal il-hin ta' rinkazar. Huwa jixhed ukoll illi mhux minnu li rritorna d-dar vicin l-ghaxra ta' bil-lejl u dan b'konfront dirett mad-deposizzjoni tal-ufficcjal tal-Pulizija li tqieghed wara r-residenza tieghu fuq struzzjonijiet li jinformah li riedu jkellmuh il-Pulizija u li xehed li l-imputat tfacca wahdu ghal-habta tal-ghaxra ta' filghaxija;

24. Ezaminati dawn l-aspetti kollha tal-fattispeci tal-kaz, din il-Qorti ma tara xejn irragjonevoli fid-decizzjoni tal-ewwel Qorti, anzi zzid tghid illi hija wahda inecepibbli bil-konkluzzjoni raggunta wara ezami minizjuz tal-provi kollha. L-imputat ried lill-ewwel Qorti temmnu li Kevin Attard holoq dan ix-xenarju fejn qabbad lil xi hadd jisparalu b'senter fuq karozza li ma tiswiex flus, bih gewwa fiha flimkien ma' persuna ohra ghall-konvenjenza bil-possibilita' gholja li t-tnejn jintlaqtu u possibilment b'mod fatali. Dik it-tezi izda twarrbet mill-ewwel Qorti u ma hemm xejn x'jiddimostra li kienet zbaljata meta ghamlet hekk. Ghalhekk l-ewwel aggravju qed ikun michud;

25. Illi fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jilmenta mill-piena erogata bil-gravam li l-ewwel Qorti kellha taghti piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi tal-kaz. Huwa izda jonqos milli jghid x'inhuma dawn ic-cirkostanzi partikolari. Il-piena kominata hija wahda fil-parametri tal-ligi u hija wahda komplessiva ghar-reati kollha addebitati lill-imputat li ukoll kien dikjarat recidiv wara li saret id-debita prova. Din il-Qorti ghalhekk ma tara ebda raguni ghaliex ghandha, anke jekk b'mod eccezzjonali, tissostitwixxi d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti kwantu l-piena kominata;

26. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.